MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2013

Numru 875/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Frankie Sammut**

**vs**

**AU**

Il-Qorti;

Rat l-imputat AU gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

B’diversi atti maghmulin, f’hinijiet differenti fil-gzejjer Maltin, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u dana bi ksur ta’ l-art. 18, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

a) Nhar l-14 ta’ Gunju, 2011, ghal habta ta’ 10.00 ta’ filghaxija u fil-granet u l-gimghat ta’ qabel, b’eghmil zieni,

ikkorrompa lil DG, minn l-Isla, liema persuna hi taht l-eta' ta' l-istess sess;

b) Fl-istess dati, hinijiet u cirkustanzi, wettaq attentat ghall-pudur ta' DG, minn l-Isla;

c) Fl-istess dati, hinijiet u cirkustanzi, ecita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taht l-eta' tas-sess il-wiehed jew l-iehor;

d) Ghal qligh, jew ghat-tqassim, jew ghal wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'ohra aghmel, jew dahhal f'Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew Esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen.

e) Bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, qassam, xerred, ghamel disponibbli u wera materjal indicenti.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar id-29 ta' Jannar 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat ukoll il-fatt li ghandu fedina penali netta u kkunsidrat l-fatt ukoll li l-agir tal-imputat gara f’okkazzjoni wahda biss fejn huwa wera xi materjal pornografiku fuq il-mobile phone lil minuri. Il-Qorti inoltre jidrilha li t-tieni u t-tielet imputazzjoni inghataw bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputat ser jinstab hati u hija sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 203(1), 208(1) u 208A tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tar-raba’ (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ erba’ (4) snin millum. Stante li t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni inghataw bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjonijiet.

Wara li rat l-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali l-Qorti inoltre tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Supervizjoni fil-konfronti tal-hati ghal zmien sentejn(2) millum fejn l-imputat ghandu jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega ghall-problemi li ghandu u fejn l-Ufficjal Sorveljanti ghandha tkun il-Probation Officer Antonella Spagnol.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jonqos li josserva jew isegwi xi kundizzjoni mposta fuqu fl-Ordni ta’ Supervizjoni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni moghtija lilu mill-Ufficjal Sorveljanti.

Il-Qorti twissi wkoll lill-hati skond il-ligi bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services u Parole.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Il-Qorti qed tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem l-imputat u tal-minuri fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum fejn il-persuna protetta hija DG.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------